# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

### ILLUM IT-30 TA' MEJJU 2019

**Kawza Numru: 7**

**Rik. Gur. 483/2013 RGM**

**Frank Seguna (I.D. 313877(M) u**

**Joseph Seguna (I.D. 185650(M)**

**vs.**

**Silvio Naudi (I.D. 382855(M) u**

**b'digriet tal-20 ta' Gunju, 2016 gie**

**kjamat in kawza Jason Cassar**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors guramentat** ta' l-atturi **Frank u Joseph Seguna** prezentat fit-23 ta' Mejju 2013 li permezz tieghu qed jitolbu li l-Qorti:

1. Tikkundanna u tiddikjara lill-konvenut bhala debitur tar-rikorrenti jew min minnhom wara self li sar mir-rikorrent Frank Seguna lill-intimat u dan permezz ta' skrittura privata datata 28 ta' Novembru 2001 Dok FS 01 u dan wara li l-intimat naqas mill-obbligi tieghu tal-hlas**;**

2. Tillikwida l-ammont dovut fil-konfront tar-rikorrenti jew min minnhom kemm kwantu kapital kif ukoll kwantu imghax skond l-istess skrittura privata Dok FS 01 bl-opera ta' perit nominandi**;**

3. Tordna lill-intimat jhallas is-somma hekk likwidata lir-rikorrenti jew min miinnhom rapprezentanti il-bilanc ta' somma mislufa bl-imghax skond l-istess skrittura private u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali.

Rat **ir-risposta guramentata**[1] tal-konvenut **Silvio Naudi** prezentata fis-6 ta' Jannar 2014 li permezz taghha jeccepixxi:-

1. Illi fl-ewwel lok t-talba hija infondata kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u dan kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi r-rikorrenti gia` thallsu dak li hu legalment dovut lilhom u ma jistghux jippretendu li jithallsu oltre dak li hu legalment dovut;

3. Illi t-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti ghax ghandu jirrizulta illi qeghdin jitobu dak li mhuwiex d-dritt legali taghhom li jitolbu.

Bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

[1] Pagna 32 tal-process

Rat illi permezz ta’ digriet moghti fl-20 ta’ Gunju 2016 minn din il-Qorti diversament presjeduta, laqghet it-talba sabiex jigi kjamat fil-kawza Jason Cassar;

Rat **ir-risposta guramentata tal-kjamat fil-kawza Jason Cassar** ipprezentata fit-8 ta’ Marzu 2017[2] li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi l-kjamat fil-kawza ma hux il-legittimu kontradittur stante li huwa ma kellu x'jaqsam xejn mas-self ikkuntrattat bejn il-kontendenti l-ohra, u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi mill-mod kif inhuma redatti t-talbiet attrici, l-kjamat fil-kawza ma jista qatt jigi kkundannat ihallas xi ammont lill-atturi;

3. Illi kwalunkwe pretensjoni li seta qatt kellhom l-atturi fil-konfront tal-kjamat in kawza hija llum abbundantament kolpita bil-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili.

Ezaminat ix-xhieda u l-provi dokumentarji  pprezentati;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti pprezentata fil-15 ta’ Novembru 2018;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut Silvio Naudi pprezentata fil-31 ta’ Jannar 2019;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-kjamat in kawza Jason Cassar ipprezentata fis-6 ta’ Frar 2019;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli Avukati tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta' Frar 2019[3];

[2] Pagna 139 tal-process

3 Traskrizzjoni minn pagna 217 tal-process.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi.**

Mill-provi mressqa jirrizulta illi fit-28 ta' Novembru 2001 saret skrittura privata bejn l-intimat Silvio Naudi u r-rikorrenti, fejn permezz taghha qablu li Silvio Naudi rcieva b'titolu ta' self is-somma ta' ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) ekwivalenti llum ghal sitta u erbghin elf, hames mija u sebgha u tmenin ewro u sitta u erbghin centezmu (€46,587.46) b'imghax ta' tmienja fil-mija (8%) li jibda jiddikorri mid-data tal-iskrittura.

Illi mix-xhieda li giet ipprezentata jirrizulta li Naudi rcieva l-flus minn ghand Seguna qabel ma saret l-iskrittura privata. Dawn iz-zewg partijiet ma kinux jafu lil xulxin meta inghaddew il-flus. Li kien gara kien li certu Jason Cassar kien sab lil Frank Seguna u qallu li kien hemm xi hadd li huwa kien jaf li kellu bzonn Lm20,000 u saqsih jekk kienx lest li jidhol ghaliha. Frank Seguna, mar ghand missieru Joseph Seguna u talbu dan l-ammont wara li kien spjegalu ghal xiex ridhom. Frank Seguna ghadda l-flus lil Jason Cassar li sussegwentament ghaddihom lil Silvio Naudi. Meta sar dan il-self ma jirrizultax mill-atti stante li l-ebda parti ma ftakret ezatt id-data ta' meta sar dan is-self[4]. Biss pero m'hemmx kontestazzjoni min-naha ta' Silvio Naudi li dan is-self sar, il-kontestazzjoni hija dwar il-quantum li Seguna ghadda lil Naudi.

Illi wara li sar is-self, Naudi beda jghaddi l-hlas lil Cassar li dan tal-ahhar sussegwentament beda jghaddihom lil Seguna. Gara li Naudi ddecieda li lil Cassar inehhih minn intermedjarju u ddecieda li jibda jittratta direttament hu ma' min kien selfu l-flus u ghalhekk kien ghamel skrittura privata direttament ma' Seguna quddiem l-avukat tal-fiducja tieghu.

4 Jason Cassar fix-xhieda tieghu tal-4 ta' Frar 2016 qal li self sar 'qabel it-2000 imma ma niftakarx is-sena ezatt' (pagna 99 tal-process).

L-iskrittura bid-data tat-28 ta' Novembru 2001 hija intitolata "Skrittura privata ta' kostituzzjoni ta' debitu"[5]. Il-partijiet iffirmaw quddiem l-Avukat (illum l-Imhallef Onor. Anthony Ellul). Permezz ta' dik l-iskrittura ippremettew illi Silvio Naudi huwa debitur ta' Frank Seguna fl-ammont ta' Lm20,000 u ghalhekk Silvio Naudi "qieghed jikkostitwixxi ruhu cert, likwidu u debitur" ta' Frank Seguna "ghas-somma mislufa". Komplew billi ftehmu illi s-somma mifslufa kellha tithallas lura bi tmein rati ta' Lm2,500 il-wahda u dan sal-ahhar ta' Dicembru 2003 bl-imghax bi 8% fis-sena. Frank Seguna irrizerva d-dritt illi f'kull zmienb jitlob li dak il-ftehim jigi nkorporat f'att pubbliku u li Silvio Naudi jiggarantixxi d-dejn permezz ta' ipoteka generali.

L-atturi pprezentaw kopja ta' pitazz minn b'notamenti li skond l-atturi juru l-pagamenti akkont li effettwa Naudi. Skond l-atturi Naudi ma zammx mal-ftehim in kwantu ma effettwax il-pagamenti rateali kif miftiehem fuq l-iskrittura fuq imsemmija. L-ahhar pagament gie effettwat f'Marzu 2013. L-ammont globali tal-pagamenti li jirrizultaw minn dan id-dokument huwa ta' tlieta u erbghin elf, disgha mija u sebgha u sebghin ewro (€43,977). Fin-nota' ta' osservazzjonijiet tal-atturi jsostnu illi meta effettwa l-ahhar pagament Naudi "kien ghad fadallu jhallas is-somma ta' Euro 2,610 bhala bilanc mis-somma kapitali u kienu ggeneraw imghax ta' Euro 19,490.99 u dan sa Dicembru 2013. Jkomplu jsostnu fin-nota taghhom illi Euro 2,610 jiggeneraw sbatax-il ewro (Euro 17) kull xahar. B'hekk jikkonkludu illi minn Jannar 2014 sa Dicembru 2018 hemm 48 xhar multiplikati bi 17 iwasslu ghas-somma ta' Euro 816. It-total minnhom mitlub huwa ta' Euro 2,610 bilanc tal-kapital u Euro 19,490 oltre Euro 816 imghax, total ta' tnejn u ghoxrin elf, disgha mija u tnax-il elf ewro (€22,912)[6].

Illi bis-sahha ta’ din l-azzjoni r-rikorrenti ghalhekk qeghdin jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara li l-intimat Naudi huwa debitur taghhom u sabiex tillikwida u tordna l-hlas tal-ammont dovut. Min-naha tieghu l-intimat Naudi jeccepixxi li ma

[5] Pagna 4 tal-process

6 Cifra imsemmija fin-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti.

hemm l-ebda ammont iehor li huwa pendenti u li l-imghax m'huwiex dritt legali tar-rikorrenti.

Ikkunsidrat

Illi t-titolu li jirregola s-self (mutwu) huwa Titolu XVII tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Civili. Din il-Qorti tara li huma ta' relevanza l-Artikoli 1844, 1850 u 1852 tal-imsemmi Kodici, li jipprovdu s-segwenti:

**1844**. (1) L-obbligazzjoni li toħroġ minn self ta' flus hija, fil-każijiet kollha, tal-istess somma, fin-numru, li tkun imsemmija fil-kuntratt.

(2) Għalkemm ikun hemm patt kuntrarju, jekk isir xi tibdil fis-sistema tal-flus qabel ma jagħlaq iż-żmien tal-ħlas, id-debitur hu obbligat biss irodd is-somma fin-numru lilu mislufa, fi flus skont il-valur legali tagħhom fiż-żmien tal-ħlas.

**1850**. (1) Hu leċitu l-ftehim għall-imgħaxijiet fuq self, sew ta' flus kemm ta' merkanzija jew ħwejjeġ oħra mobbli.

(2) Jistgħu wkoll jitbiddlu f'kapital ġdid, b'imgħax, l-imgħaxijiet magħluqa, basta li dawn l-imgħaxijiet ma jkollhomx jingħataw għal żmien ta' anqas minn sena.

(3) Kull ftehim ieħor ta' mgħaxijiet fuq imgħaxijiet, ma jiswiex.

**1852**. (1) L-imgħax ma jistax jaqbeż it-tmienja fil-mija fis-sena.

(2) L-imgħax miftiehem f'iżjed minn daqshekk jiġi mnaqqassa l-limiti hawn fuq imsemmija.

(3) Jekk ikun ġie mħallas imgħax iżjed minn dak li tagħti l-liġi, iż-żejjed jinqata' mill-kapital.

Illi mill-qari ta’ dawn il-provvedimenti, tlieta huma l-elementi ewlenien ghal kaz odjern:

a) l-obligazzjoni tas-self hija kif determinata fil-kuntratt;

b) imghax fuq self huwa legali, izda imghax fuq imghax m’huwiex lecitu; u

c) l-imghax ma jistax jaqbez it-tmienja fil-mija (8%) altrimenti dak l-imghax jigi mnaqqas ghal 8%.

- *L-obligazzjoni tas-self determinata fil-kuntratt*

Bejn Seguna u Naudi hemm skrittura privata li ffissat l-ammont, il-modalita tal-hlas, il-perjodu li fih ghandu jsir il-hlas u l-imghax fuq il-kapital misluf. Fil-mori tal-kawza l-intimat Naudi beda jilmenta li l-iskrittura hija wahda simulata u dan ghaliex huwa kien sforzat jidhol fil-kitba ghalkemm l-ebda eccezzjoni f'dan is-sens ma ressaq fir-risposta guramentata tieghu.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Lawrence Farrugia vs. Fedela Carabott** (Cit Nru 1044/1997PS) deciza fit-28 ta’ Jannar 2004 il-Qorti ghamlet konsiderazzjonijiet dettaljati dwar x’jehtieg jigi muri meta tigi sollevata l-eccezzjoni ta’ simulazzjoni mill-konvenut. Il-Qorti qalet hekk:

> "Premess dan kollu fuq espost, il-konvenuta tiddefendi ruhha wkoll bl-ecccezzjoni tas-simulazzjoni, kif kellha dritt tissolleva (**Vol. VII pagna 549; Vol. XVI P II p 2** u **Vol. XLIII P I p 227**). Allegazzjoni din fejn hu accettat u ammissibbli kull xorta ta' provi li tammetti l-ligi, anke dawk testimonjali (**Vol. XII pagna 348**) izda, li f' kull kaz, trid tigi sewwa pprovata (**Vol. XXIX P I p 837**);
>
> Biex tirnexxi f'eccezzjoni bhal din il-konvenuta htiegilha tipprova "*che cio che si contrattava non era la verita`, ma una simulazione, cioe` 'fictio seu ostensio falsi pro vero'; anche la difficolta riducesi a questioni di fatto, indagando, a poter decidere, non su cio che fu scritto 'non quod scriptum sed quod gestum' coerentemente alla massima 'acta simulata substantiam mutare non possunt'*." (**Kollez. Vol. X pagna 912**);

Minn dan appena dedott wiehed necessarjament jifhem illi l-iskop tal-konvenuta hu dak li tigi ristabilita l-verita`. Dan fis-sens illi tigi restitwita r-realta` ta' l-att ta' ftehim u mnehhija l-forma apparenti tieghu;

Issa anke kieku kellha din il-Qorti ma tiddubitax mill-genwinita` tal-konvenuta, mill-kumpless tal-provi, kompriz il-konflittwalita` taghhom, ma jidherx imbaghad li din irnexxielha tiggenera xi suspett talment gravi komplimentari ghall-assunt taghha. Dan anke kieku kellha toqghod fuq meri presunzjonijiet ta' kif u meta sar it-trapass tal-flus mislufa mill-attur, u jekk hux qabel jew flimkien mar-redazzjoni ta' l-iskrittura, jew jekk inghaddewx darba jew darbtejn jew jekk in-Nutar kienx konsapevoli ta kemm ezatt ghaddew flus minn id ghall-ohra. Dawn fil-fehma tal-Qorti ma jwasslux ghal konkors ta' dawk ic-cirkostanzi gravi, precizi, univoci u konkordanti in sostenn tat-tezi tal-konvenuta. Tali konkors huwa dejjem, imbaghad, desiderabbli u mistenni, maggorment fejn ikun qed jigi attakkat kuntratt. Dan ghaliex jibqa' principju kardinali, konsagrat fil-gurisprudenza illi "*il mantenimento dei contratti e` di interesse generale perche e` principio di ordine pubblico*" u allura, "*siffatta considerazione impone che nella causa d' impugnazione di contratto, per vizio di consenso si proceda colla massima circospezione perche non si abbia ad annullare un atto che dovrebbe rimanere in vigore*." (**Kollez. Vol. XXIV P I p 203**);

Applikati l-principji legali rilevanti ghall-kawza odjerna l-Qorti tosserva li lanqas f'dawn il-proceduri ma gew prodotti provi konvincenti li juru li l-iskrittura kienet wahda simulata. Ghalkemm m'huwiex car meta inghaddew il-flus, jekk dawn inghaddewx kollha f'daqqa jew f'ammonti separati jirrizulta sodisfacentement illi l-flus ghaddew ghand il-konvenut qabel giet iffirmata l-iskrittura. Minn dak li jirrizulta mill-provi, inkluz ix-xhieda tal-Imhallef Anthony Ellul[7] li fiz-zmien rilevanti kien l-Avukat tal-konvenut, jirrizulta li l-kuntratt kien wiehed normali u li ma kien hemm l-ebda oggezzjonijiet waqt il-kitba u l-qari tieghu.

7 Xehed fit-2 t'April 2014 (pagna 41 tal-process).

L-intimat jilmenta li dak iz-zmien li dahal fil-kuntratt huwa ma kienx jaf ezatt l-ammont li kien ghaddielu b'self Seguna izda ghamel il-kuntratt sabiex juri l-bona fedelta tieghu li huwa kien ser ihallas dak li kien dovut.[8] Waqt ix-xhieda minnu moghtija fit-12 ta' Frar 2015[9] jghid li huwa hallas l-ammont kollu anzi li hallas iz-zejjed. Fix-xhieda tieghu moghtija fit-13 t'April 2016[10] xhed hekk:

"**Dr. Martin Fenech:** Dan Jason, kemm gablek flus tas-Sur Seguna, bejn wiehed u iehor?

**Xhud:** Mela, dik ohra per ezempju. Jiena, kull m'ghandi notamenti, hawn tat-two thousand five hundred (2500). Issa jien bil-kalkulazzjoni li ghamilt jiena, l-figura li qed jghid hu ma setghetx kienet iktar minn ten thousand (10,000). Issa,

**Dr. Martin Fenech:** Jigifieri qed tghid ten thousand (10,000) tak is-Sur Seguna?

**Xhud:** Nimmagina, pero' jista' jghina ghax hu qal fid-deposizzjoni tieghu illi dawn kienu flus tas-somma li ha fejn kien jahdem, li ovvjament kien cheque u dahal il-bank,

[...]

**Imhallef:** Sinjur, kemm hadt flus minghand is-sinjur?

**Xhud:** Ma nafx. Ma nafx. Ma nafx, dik il-problema "

Illi ghal raguni ta' kompletezza ghandha ssir referenza ghal dak li qal Jason Cassar fix-xhieda tieghu tat-3 ta' Lulju 2017[11] u cioe meta kkonferma li huwa ma kellux *records* ta' kemm kien issellef minn Seguna ghan-nom ta' Naudi u dan ghaliex dawn ir-*records* kienu fil-pussess ta' Silvio Naudi stess.

Illi minn qari ta' dawn l-estratti, din il-Qorti ma tistax tkun konvinta li l-ammont ta' self kien ta' ghaxart elef Lira kif qed jallega l-intimat, meta lanqas l-intimat m'hu cert ta' dan mill-kliem li juza waqt ix-xhieda tieghu: 'nimmagina' u 'ma nafx'. *"Indubbjament l-iskrittura jibqalha piz determinanti sakemm ma tigix newtralizzata minn provi skjaccanti, univoci u konkluzivi. Dan l-oneru kien*

8 Nonostante li waqt il-prosegwiment tal-kawza, Naudi qal li huwa ser jaghmel kontro-talba u/jew ser jiehu azzjoni necessarja sabiex jikkontesta l-kuntratt tat-28 ta' Novembru 2001 jidher li huwa ghal raguni jew ohra huwa ma resaqx kontra-talba u lanqas istitwixxa proceduri ohra.

9 Pagna 63 tal-process.

10 Pagna 107 tal-process.

11 Pagna 146 tal-process.

*jinkombi fuq il-konvenuta in kwantu hi kellha turi ghas-sodisfazzjon tal-Qorti illi l-obbligazzjoni taht ezami kienet ta bilhaqq kif minnha allegat"*[12]. Kif ga gie kkunsidrat aktar 'l fuq, fil-mument tal-kitba u qari tal-kuntratt ma jirrizultax li kien hemm xi kontestazzjoni tal-ammont. Huwa ben saput li *contra scriptum testimonium non scriptum testimonium non fertur.* Il-Qorti qed tiddeciedi illi l-konvenut ma sehhlux jipprova illi l-iskruttra kienet simulata.

Galadarba l-konvenut ma sehhlux jipprova l-allegazzjoni tieghu li l-iskrittura hija simulata, tali skrittura hija ligi bejn l-attur Fran Seguna u l-konvenut Silvio Naudi u ma thalli l-ebda dubju dwar ir-relazzjoni guridika ta' bejniethom.

Jibqa' ghalhekk jigi deciz x'hallas il-konvenut Naudi u jekk il-pagamenti minnu effettwati issaldawx l-ammont kollu minnu dovut skond l-iskrittura de quo. Stabbilit illi l-attur Frank Seguna sellef lill-konvenut Silvio Naudi l-ekwivalenti ta' €46,587.46, u stabbilit illi bejn id-data tal-iskrittura u Marzu 2013 il-konvenut Naudi hallas is-somma globali ta' €43,977, jibqa' bilanc mill-kapital ta' elfejn, sitt mija u ghaxar ewro (€2,610).

- ***L-imghax***

Mill-qari tal-iskrittura privata tat-28 ta' Novembru 2001 jirrizulta li kien hemm qbil li l-imghax fuq is-somma mislufa jkun ta' tmienja fil-mija..

Illi mix-xhieda jirrizulta li t-tielet eccezzjoni tal-intimat qieghda tigi msejsa fuq il-*Commissions* moghtija minn Naudi lil Jason Cassar. Filwaqt li fix-xhieda tieghu Naudi jikkonferma li 'lis-Sur Seguna qatt ma tajtu Commissions'[13], min-naha l-ohra l-intimat Naudi ipprezenta dokument immarkat bhala Dok SNX li kien jikkonsisti f'diversi cifri ta' hlasijiet li saru inkluz indikazzjoni li kien hemm *Commission* lil Jason Cassar. Il-Qorti tosseva li f'dan id-dokument ma kien hemm l-ebda referenza ghal flus li kien issellef minn ghand ir-rikorrenti Seguna. Illi wara kollox din il-Qorti tikkunsidra li l-azzjoni odjerna m'hijiex rigward il-

12 **Lawrence Farrugia vs. Fedela Carabott** (Cit Nru 1044/1997PS) deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fit-28 ta' Jannar 2004.

13 Xhieda tat-13 t'April 2014, pagna 109 tal-process.

*commissions* allegatament imhallsa minn Naudi lil Cassar izda s-self li sar bejn Seguna u Naudi.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu il-konvenut Naudi jghid illi l-flus kienu gew lilu mislufa bl-imghax ta' 40% kull tlett xhur. Jidher pero' li l-ftehim kien sar bejn il-konvenut Naudu u l-kjamat in kawza Casar fejn ftehmu illi ghal kull somma ta' flus li Cassar jirnexxielu jgib b'self minghand terzi lil Naudi, Naudi jhallas commission lil Cassar. Dan kien arrangament bejn il-konvenut Naudi u l-kjamat in kawza Cassar.

Illi fl-affidavit tieghu, Joseph Seguna[14] xhed li 'ghar-rigward ta' l-interessi dan qatt ma hallas xejn u ghalhekk l-interessi kollha fuq is-somma hekk imselfa huma kollha dovuti' u ma jidhirx li din giet ikkontesta b'xi mod mill-konvenut Naudi ghajr b'mod indirett li l-ammont dovut thallas kollu. Il-pretensjoni tal-attur fir-rigward tal-imghax hija cara u l-pretensjoni tieghu li l-konvenut Naudi ma hallasx l-imghax pattwit fuq l-iskrittura ma gietx sodisfacentement skossata.

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta` April 2003 fil-kawza "**Ciantar vs Curmi noe**": –

> "... mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo."

Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza "**Gauci vs Farrugia**" moghtija fid-29 ta' Mejju 2014:

> *"Meta gudikant jigi biex iqis il-kumpless tal-provi li jitressqu ghall-konsiderazzjoni tieghu sabiex fuq dawk il-provi jaghti decizjoni, il-kriterju rilevanti mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-*

14 Pagna 45 tal-process.

*cirkostanzi svarjati tal-hajja ("Borg vs Bartolo" – Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju 1980). Hekk meqjusa dawk il-provi, il-grad rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali fil-mohh tal-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta` provi fuq bilanc ta' probabilitajiet ("Caruana vs Laurenti" – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 8 ta` April 1994 ; "Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib" – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 17 ta` Lulju 1981; "Vassallo vs Pace" – Vol.LXX.II.144 u "Zammit vs Petrococchino" – Appell Kummercjali – 25 ta` Frar 1952).*

*Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza `Xuereb et vs Gauci et` il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk dwar konflitt ta` provi fil-kamp civili :– Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha : 1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ;*

Ezaminati l-provi mressqa il-Qorti qed tikkonkludi illi l-konvenut Naudi ma sehhlux jipprova sal-grad rikjest mil-ligi illi l-imghax reklamat mill-attur ma hux dovut. L-oneru li jressaq il-prova tal-pagament kienet tinkombi fuq il-konvenut Naudi. Ghaldaqstant il-Qorti ser tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenut Naudi.

**Kjamat in Kawza**.

Illi fl-20 ta' Gunju 2016 fuq talba tal-konvenut Silvio Naudi[15]gie kjamat in kawza Jason Cassar, u cioe il-persuna li originarjament issellef il-flus minn ghand Seguna u li kien eventwalment ghaddihom lil Naudi qabel saret l-iskrittura de quo. Jason Cassar fir-risposta guramentata tieghu eccepixxa fost ohrajn li huwa mhux legittimu kontradittur. Minn ezami tal-provi mressqa jirrizulta illi ghall-ammont reklamat mill-attur Frank Seguna bis-sahha tal-iskrittura de quo l-ebda obbligu ta' hlas ma jaqa' fuq il-kjamat in kawza. Fl-ebda hin il-konvenut

[15] Ara rikors pagna 113 tal-process

Naudi ma allega li hallas xi flus f'idejn Cassar biex jghaddihom lil Seguna u dan zammhom f'idejh. L-iskrittura dwar is-self saret bejn Seguna u Naudi u s-self sar bejnithom u ma kien hemm l-ebda ammont dovut minn Cassar lil Seguna. Mill-qari tal-atti ma ntweriex mill-intimat Naudi li kien hemm xi flejjes li huwa ghadda lil Jason Cassar u dan tal-ahhar naqas milli jghaddihom lil Seguna. Ghaldaqstant din il-Qorti tqis l-eccezzjoni tal-kjamat in kawza li ma hux legittmu kontradittur bhala fondata.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:-

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut Silvio Naudi;

2. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza Jason Cassar li huwa m'huwiex legittimu kontradittur u ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara lill-konvenut Silvio Naudi debitur tal-attur Frank Seguna fis-somma ta' elfejn, sitt mija u ghaxar ewro (€2,610) bilanc tal-kapital misluf bis-sahha ta' skrittura tat-28 ta' Novembru 2001, oltre l-imghax bi 8% a skaletta fuq il-kapital originarjament misluf li sa Mejju 2019 jammonta ghal tnejn u ghoxrin elf, disgha mija u sebgha u disghin ewro (€22,997).

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut Silvio Naudi, hlief dawk tal-attur Joseph Seguna li ghandu jbatihom hu, u bl-imghax legali ulterjuri sad-data tal-effettiv pagament.

**Moqrija**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**